A.L. 320 ta' l-2003

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Kunsilli Lokali (Finanzi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 67 u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, flimkien mal-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel ir-Regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 155 ta' l-1993.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:– Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fir-regolament (ċ) tiegħu minflok il-kliem "fl-Att;" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Att:"; u

(b) minnufih fit-tmiem il-paragrafu (ċ) għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:–

"Iżda mill-1 ta' Ottubru, 2003 sal-31 ta' Marzu, 2004, għandha tapplika rata ta' mhux anqas minn ħamsa fil-mija ta' l-allokazzjoni approvata skond l-Att minflok ir-rata ta' għaxra fil-mija imsemmija hawn aktar qabel għal perijodi oħra.".